**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 10 ta' Lulju, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 774/2017 AF**

**Veronica Brincat**

**vs**

**Tiziana Brincat u Emanuel Bezzina**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti Veronica Brincat, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Permezz ta' kuntratt pubblikat fit-28 ta' Dicembru 2016 in atti Nutar Dottor Carmel Gafà, l-intimat Emanuel Bezzina kien ta b'titolu ta' donazzjoni lill-intimata l-ohra Tiziana Brincat id-*duplex penthouse* formanti parti mill-korp ta' bini bl-isem ''Speranza Court'' fi Vjal l-Indipendenza, Mosta, illi huwa stess bena u kkostruwixxa, liema *duplex penthouse*

sussegwentement gie fizikament maqsum f'zewg appartamenti separati u distinti minn xulxin.

Ir-rikorrenti tigi omm l-intimata Tiziana Brincat.

Ir-rikorrenti ilha snin tippresta servigi regolari, konsistenti u sostanzjali lill-intimat Emanuel Bezzina (li huwa guvni, benestant u jghix wahdu) u hu, b'rikonoxximent ghas-servigi lilu rezi, ried jaghti l-imsemmija *duplex penthouse* lir-rikorrenti b'titolu ta' donazzjoni.

Minhabba s-sitwazzjoni personali taghha, r-rikorrenti ma setghetx tircievi tali *duplex penthouse* b'titolu ta' donazzjoni f'isimha u ghalhekk, fuq il-kuntratt relattiv ta' donazzjoni kienet, fuq istruzzjonijiet tal-istess rikorrenti, dehret fuq l-imsemmi att bhala *prestanome*, bintha, l-intimata Tiziana Brincat.

Fil-fatt l-intimata Tiziana Brincat, kienet, dakinhar stess li sar il-kuntratt ta' donazzjoni fuq imsemmi, tat prokura lir-rikorrenti ommha, limitata ghall-proprjetà immobbli (u di fatti l-intimata ma kellha ebda proprjetà immobbli ohra ghajr dik mertu tad-donazzjoni fuq imsemmija u li tikkostitwixxi l-mertu ta' dan ir-Rikors Guramentat).

L-intimat Emanuel Bezzina kien jaf perfettament illi l-intimata Tiziana Brincat kienet qed tidher fuq il-kuntratt ta' donazzjoni bhala *prestanome* ghal ommha r-rikorrenti.

Fill-fatt kien sar ukoll ftehim bil-miktub bejn ir-rikorrenti u l-intimata bintha Tiziana Brincat li fih gie dikjarat li fir-realta' d-*duplex penthouse* fuq deskritta tappartjeni lir-rikorrenti u mhux lill-intimata Tiziana Brincat, liema skrittura tinsab kustodita min-Nutar Roberta Borg.

Wara li sar l-imsemmi kuntratt ta' donazzjoni fuq isem l-intimata bhala *prestanome* ghal ommha r-rikorrenti, l-intimata kienet iffirmat konvenju fil-21 ta' Frar, 2017 ghall-bejgh u trasferiment tal-imsemmija *duplex penthouse* a favur ta' certa Dolores Mintoff, liema konvenju kien sar bil-ministeru tan-Nutar Roberta Borg.

Di fatti l-iskrittura li giet iffirmata bejn ir-rikorrenti u l-intimata Tiziana Brincat quddiem in-Nutar Roberta Borg (li qeghda tikkustodixxi l-imsemmija skrittura) li fiha gie stipulat illi effetivament l-imsemmija *duplex penthouse* tappartjeni lir-rikorrenti, kienet giet iffirmata fl-istess gurnata illi gie ffirmat il-konvenju imsemmi f'paragrafu 8 ta' dan ir-Rikors Guramentat.

Ir-rikorrenti saret taf illi l-intimata bintha Tiziana Brincat kienet qieghda tipprova tapprofitta ruhha mill-fatti fuq esposti u bdiet tippretendi illi d-*duplex penthouse* (ossia z-zewg appartamenti kif issa nqasmu imma originarjament formanti l-imsemmija *duplex penthouse)* tappartjeni lilha.

Ghalhekk fit-28 ta' April 2017, ir-rikorrenti kienet ipprezentat rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimata Tiziana Brincat li jgib in-Numru 659/17AE.

L-imsemmi rikors gie milqugh provizorjament permezz ta' Digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti dakinhar stess u cioè fit-28 ta' April 2017 u l-istess digriet gie notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lir-Registratur tal-Artijiet u dan id-digriet gie debitament miktub u indicjat bin-Numru M/4031/2017 fir-Registru fit-2 ta' Mejju 2017 fid-9.00am b'mod illi seta' jarah kulhadd.

Minkejja d-Digriet moghti u r-registrazzjoni tal-istess Digriet fir-Registru Pubbliku fit-2 ta' Mejju 2017, l-intimati Tiziana Brincat u Emanuel Bezzina resqu ghall-pubblikazzjoni ta' kuntratt ta' rexissjoni pubblikat min-Nutar David Joseph Borg fil-5 ta' Mejju 2017, sabiex b'hekk l-imsemmi *duplex penthouse* irriverta fil-proprjetà tal-intimat Emanuel Bezzina minkejja li fir-realtà dan kien jappartjeni lir-rikorrenti stante li tali *duplex penthouse* kien lilha donat permezz tal-kuntratt ta' donazzjoni pubblikat fit-28 ta' Dicembru 2016 in atti Nutar Dottor Carmel Gafà li fuqu l-intimata Tiziana Brincat kienet dehret bhala *prestanome* ghar-rikorrenti ommha kif fuq imfisser.

Ir-rikorrenti taf personalment bil-fatti kollha hawn dikjarati u ghalhekk qed tipprezenta din il-kawza in salvagwardja tad-

drittijiet u l-interessi taghha u flimkien u kontestwalment ma' din il-kawza qed tintavola ukoll Mandat ta' Inibizzjoni kontra Emanuel Bezzina sabiex dan ma jbieghx jew xorta ohra jiddisponi mill-proprjetà *de quo*.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi l-intimata Tiziana Brincat dehret fuq il-kuntratt pubblikat fit-28 ta' Dicembru 2016 in atti Nutar Dottor Carmel Gafà li permezz tieghu l-intimat l-iehor Emanuel Bezzina kien taha b'titolu ta' donazzjoni d-*duplex penthouse* formanti parti mill-korp ta' bini bl-isem "Speranza Court" fi Vjal l-Indipendenza, Mosta bhala *prestanome* ghal ommha r-rikorrenti;

2. Tiddikjara inoltre illi l-intimat Emanuel Bezzina kien a pjena konoxxenza ta' dan il-fatt sa minn qabel ma gie pubblikat l-imsemmi kuntratt ta' donazzjoni;

3. Tiddikjara konsegwentement illi bil-fuq imsemmi kuntratt ta' donazzjoni pubblikat fit-28 ta' Dicembru 2016 in atti Nutar Dottor Carmel Gafà li fuqu l-intimata Tiziana Brincat dehret bhala *prestanome* ghar-rikorrenti ommha, id-*duplex penthouse* formanti parti mill-korp ta' bini bl-isem "Speranza Court" fi Vjal l-Indipendenza, Mosta mertu tal-imsemmi kuntratt giet tappartjeni in pjena proprjetà lir-rikorrenti ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi minkejja illi kienet tidher registrata f'isem l-intimata Tiziana Brincat;

4. Tiddikjara in oltre illi tali fatt u cioè illi bil-fuq imsemmi kuntratt ta' donazzjoni pubblikat fit-28 ta' Dicembru 2016 in atti Nutar Dottor Carmel Gafà li fuqu l-intimata Tiziana Brincat dehret bhala *prestanome* ghar-rikorrenti ommha, id-*duplex penthouse* formanti parti mill-korp ta' bini bl-isem "Speranza Court" fi Vjal l-Indipendenza, Mosta mertu tal-imsemmi kuntratt giet tappartjeni in pjena proprjetà lir-rikorrenti ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi minkejja illi kienet tidher registrata f'isem l-intimata Tiziana Brincat jaghmel stat u jipproduci tali effett anke

fil-konfront tal-komparenti l-iehor fuq l-imsemmi kuntratt ta' donazzjoni u cioè l-intimat Emanuel Bezzina u dan in vista tal-fatt li huwa kien pjenament konsapevoli tal-fatt illi l-intimata Tiziana Brincat kienet qed tidher fuq l-imsemmi kuntratt ta' donazzjoni bhala *prestanome* ghar-rikorrenti ommha;

5. Tiddikjara konsegwentement illi l-intimati ma kellhom ebda dritt u jedd li jirrixxindu l-imsemmi kuntratt ta' donazzjoni datat 28 ta' Dicembru 2016 in atti Nutar Dottor Carmel Gafà permezz tal-kuntratt ta' rexissjoni datat 5 ta' Mejju 2017 in atti Nutar David Joseph Borg;

6. Tiddikjara konsegwentement illi l-imsemmi kuntratt ta' rexissjoni pubblikat fil-5 ta' Mejju 2017 in atti Nutar David Joseph Borg li dehru fuqu l-intimati sabiex permezz tieghu rrixxendew il-kuntratt ta' donazzjoni datat 28 ta' Dicembru 2016 in atti Nutar Dottor Carmel Gafà huwa null u bla ebda effett;

7. Konsegwentement tordna lill-intimati sabiex jaddivjenu ghall-pubblikazzjoni ta' kuntratt ghar-rexissjoni u t-thassir tal-imsemmi kuntratt ta' rexissjoni pubblikat fil-5 ta' Mejju 2017 in atti Nutar David Joseph Borg;

8. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jippubblika l-imsemmi att mitlub permezz tas-seba' talba tar-rikorrenti, tipprefiggi d-data, lok u hin ghall-pubblikazzjoni tal-imsemmi att u tinnomina kuratuti deputati sabiex jirraprezentaw lill-intimati jew min minnhom fl-eventwalità tal-kontumacja taghhom jew ta' min minnhom;

9. Tordna sabiex, wara l-pubblikazzjoni tal-imsemmi kuntratt li permezz tieghu ghandu jigi rexiss u mhassar il-kuntratt ta' rexissjoni pubblikat fil-5 ta' Mejju 2017 in atti Nutar David Joseph Borg, l-intimati jew min minnhom jidhru u jaddivjenu ghall-pubblikazzjoni ta' kuntratt li permezz tieghu l-imsemmija *duplex penthouse* formanti parti mill-korp ta' bini bl-isem "Speranza Court" fi Vjal l-Indipendenza, Mosta mertu tal-kuntratt ta' donazzjoni

datat 28 ta' Dicembru 2016 in atti Nutar Dottor Carmel Gafà tigi trasferita u aljenata f'isem ta' u a favur tar-rikorrenti b'titolu ta' donazzjoni; u

10. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jippubblika l-imsemmi att mitlub permezz tad-disa' talba tar-rikorrenti, tipprefiggi d-data, lok u hin ghall-pubblikazzjoni tal-imsemmi att u tinnomina kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-intimati jew min minnhom fl-eventwalita' tal-kontumacja taghhom jew ta' min minnhom.

Bl-ispejjes kollha kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Emanuel Bezzina, li in forza taghha gie eccepit illi:

Preliminarjament l-kuntratt tad-donazzjoni datat 28 ta' Dicembru 2016 in atti Nutar Dottor Carmel Gafà li fuq ssejjes l-azzjoni taghha r-rikorrenti kien u huwa null stante fost affarijiet ohra li kif dikjarat bil-gurament minn l-Avukat Alfred Abela [Konsulent legali tar-rikorrenti fiz-zmien in kwistjoni] quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fil-mument tal-pubblikazzjoni tal-att, Tiziana Brincat ma kienitx prezenti ghall-istess pubblikazzjoni.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li fl-ewwel lok ma hux minnu li r-rikorrenti pprestat servigi lill-esponent, fit-tieni lok ma hux minnu li hu ried jittrasferilha duplex penthouse bhala kumpens ghal tali servigi u fit-tielet lok huwa la kien u lanqas huwa a konoxxenza ta' xi ftehim ta' prestanome bejn ir-rikorrenti u bintha Tiziana Brincat.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent kellu kull dritt li jirrexindi l-kuntratt ta' donazzjoni datat 28 ta' Dicembru 2016 bejnu u bejn Tiziana Brincat kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma jirrikorrux l-elementi rikjesti mill-ligi ghar-rexissjoni tal-kuntratt ippubblikat bejn Tiziana Brincat u l-esponent tat-2 ta' Mejju 2017.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost dato ma non concesso li bejn ir-rikorrenti u bintha Tiziana Brincat kien jezisti ftehim ta' prestanome u r-rikorrenti jidhrilha li bintha abbuzat mill-mandat li hija tatha jew ma rrispettatx il-ftehim li kellha maghha l-azzjoni spettanti lir-rikorrenti ma hijiex dik *de quo* u qatt ma setghet tressaq tali azzjoni fil-konfront tal-esponent.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost din l-azzjoni hija wahda minn serje ta' atti u azzjonijiet intraprizi mir-rikorrenti sabiex tapproprja ruhha indebitament mill-assi tal-esponent u tarrekalu dannu sabiex huwa jcedi ghar-rieda u x-xewqat taghha.  F'dan is-sens jigi rilevat li f'proceduri ohra bejn ir-rikorrenti u l-esponent [722/2017 SM], l-esponent ipprezenta kontrotalba kontra l-istess rikorrenti ghad-danni kawzati lilu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-partijiet l-ohra fil-kawza li huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat in-nota ta' Tiziana Brincat li permezz taghha hija kkonfermat bil-gurament illi qeghda tammetti t-talbiet attrici fis-sens illi hija taqbel li hija dehret fuq il-kuntratt in atti tan-Nutar Carmel Gafà tat-28 ta' Dicembru 2016 bhala prestanome ghal ommha r-rikorrenti u tiddikjara wkoll illi l-unika raguni ghala l-esponenti irexxindiet il-kuntratt in kwistjoni permezz ta' kuntratt ta' rexissjoni tal-5 ta' Mejju 2017 peress li kienet qeghda tigi mhedda mill-intimat Emanuel Bezzina li kien anke pprezenta ittra ufficcjali kontra l-esponenti fejn intimaha ghad-danni.

Fi kwalunkwe kaz l-esponenti m'ghandha ssofri ebda danni u/jew spejjez.

Daqstant ghandha l-esponenti x'tirrileva.

Rat li, l-intimat Emanuel Bezzina ma ressaq ebda provi fil-kawza.

Rat li l-kawa thalliet ghas-sentenza.

Il-principji regolatorji ta' kawza ta' din ix-xorta gew ampjament spjegati fis-sentenza Vassallo vs Vassallo (7 ta' Lulju 2011) pronunzjata minn din il-Qorti diversament presjeduta. Ghall-istess sentenza din il-Qorti taghmel pjena referenza.

Applikati l-istess principji ghall-kawza odjerna, din il-Qorti tqis illi permezz tal-affidavit taghha u d-dokumenti annessi, flimkien mal-ammissjoni tal-istess intimata Tiziana Brincat, ir-rikorrenti rnexxielha tipprova ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti li dak li ssostni huwa minnu. Ebda parti mill-provi prodotti ma giet kontradetta b'ebda mod. Ghalhekk il-Qorti tqis li t-talbiet taghha huma gustifikati u ghalhekk ghandhom jintlaqghu.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

2. Tilqa' t-tieni talba kif dedotta;

3. Tilqa' t-tielet talba kif dedotta;

4. Tilqa' r-raba' talba kif dedotta;

5. Tilqa' l-hames talba kif dedotta;

6. Tilqa' s-sitt talba kif dedotta;

7. Tilqa' s-seba' talba kif dedotta;

8. Tilqa' t-tmien talba u ghall-fini taghha tahtar lin-Nutar Sean Critien biex nhar il-31 ta' Lulju 2019 fil-11:00 ta' filghodu jippubblika l-att ta' rexissjoni tal-kuntratt datat 5 ta' Mejju 2017. Tahtar lil Dr. Josette Grech biex tidher ghall-eventwali kontumaci fuq dan l-att;

9. Tilqa' d-disa' talba u tordna li, ezatt wara li jigi pubblikat l-att li ghalih tirreferi t-tmien talba, ghandu jigi pubblikat l-att li permezz tieghu l-proprjetà *duplex penthouse* formanti parti minn korp ta' bini bl-isem "Speranza Court" fi Vjal l-Indipendenza, Mosta mertu tal-kuntratt ta' donazzjoni datat 28 ta' Dicembru 2016 in atti Nutar Carmel Gafà, tigi trasferita b'titolu ta' donazzjoni favur Veronica Brincat;

10. Tilqa' l-ghaxar talba u ghall-fini taghha tahtar lill-fuq imsemmi Nutar Sean Critien biex jippubblika l-kuntratt *de quo* u lil Dr. Josette Grech biex tidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att.

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF

DEP/REG